**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 124/14

Numru fuq il-Lista:

**Paolo Bonnici Limited (C4186)**

**vs.**

**John Muscat K.I. 456559 (M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta' Frar 2014, li permezz tiegħu:

is-soċjeta` attriċi qiegħda titlob mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta’ elf u disgħa u sittin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€1069.75) rappreżentanti valur ta’ diversi kunsinni ta’ oġġetti tal-ikel u x-xorb bil-kreditu, liema konsenji saru fuq struzzjonijiet tal-konvenut fil-ħanut li kellu l-isem Enoteca Salumeria San Pawl il-Baħar;

Tali kunsinni jirriżultaw ukoll minn kontijiet aċċettati mid-debitur konvenut li minkejja interpellat iħallas baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ddatata 30 ta’ Jannar 2013 numru 222/13 u bl-imgħaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-**Risposta tal-konvenut**, ippreżentata fit-3 ta’ April 2014, fejn eċċepixxa illi dawn it-talbiet għandhom jiġu miċħuda peress illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:

1. Fl-ewwel lok, is-soċjetà attriċi trid tindika l-fatturi x’kienu u f’hix kienet tikkonsisti l-merkanzija;

2. Illi inoltre, fiż-żmien indikat fl-avviż, il-ħanut kien ingħalaq u għalhekk ma nxtrat ebda merkanzija f’dak iż-żmien;

3. Illi meta l-ħanut inkwistjoni ingħalaq, ma kienx hemm ammonti dovuti mill-konvenut lis-soċjetà attriċi .

   Bl-ispejjeż.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema’ x-xhieda.

Ra l-verbal tal-4 ta’ Diċembru 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Provi**

Sema' lil **Mark Borg Hedley** li kien impjegat tas-soċjeta' attriċi iżda ttermina dan l-impjieg fl-2011. Fl-2009 kien impjegat mas-soċjeta' attriċi bħala salesman. Huwa ma ftakarx jekk l-ordni ħadhiex huwa personalment.

Ra l-affidavit ta' **Vince Camilleri** li fis-sena 2009 kien impjegat bħala deliveryman mas-soċjeta` attriċi. Huwa għaraf il-firma tiegħu fuq il-fatturi mmarkati PB2 u PB3 bħal d-driver li għamel il-konsenja lil John Muscat ta' Enoteca Salumeria. Dwar id-Dokument immarkat PB1, hemm il-firma tar-riċevitur tal-merkanzija kemm fin-nofs tal-fattura u wkoll fejn suppost in-naħa t'isfel. Ix-xhud ikkonferma li "l-merkanzija msemmija f'dawn it-tliet invoices ikkonsenjajthom jien personalment fil-ħanut imsemmi."

Sema' lil **Joseph Falzon** Financial Controller tas-Soċjeta' attriċi anke fil-perjodu meta nħargu l-fatturi mertu ta' din il-kawża. Huwa spjega illi t-tliet konsenji saru minn Vince Camilleri fl-indirizz: Enoteca Salumeria. Spjega li huma għandhom sistema ta' factoring mal-HSBC, li wara l-perjodu ta' kreditu li jkun allokat mill-kumpanija jibda jiġri wara l-klijent għall-ħlas F'dan il-każ il-Bank ma rnexxilux jiġbor dak dovut lill-kumpanija u għalhekk reġgħu bdew jipprovaw jiġbru l-flus min-naħa tagħhom, billi bagħtu salesman fil-ħanut l-ieħor tal-konvenut imsemmi "The Bread Mill". Minkejja li s-salesman baqa' jattendi regolarment is-Sur Muscat ma għamel l-ebda pagament. Is-Sur Muscat ma kellux problemi b'dawn it-tliet fatturi iżda kellu problema b'fattura tal-2007. Fil-frattemp hu qatt ma nnega li l-konsenja fil-fatt ma saritlux. Fil-fatt l-ewwel darba li l-kumpanija semgħet li r-raġuni għaliex ma jridx iħallas kienet għax ma saretx il-konsenja, kien meta bagħtitlu l-ittra *ai termini* tal-artikolu tal-166A.

Sema wkoll lil **Gennaro Vassallo** salesman mas-soċjeta' attriċi li xehed li huwa kien ġie nkarigat minn direttur tas-soċjeta` attriċi sabiex jipprova jiġbor pagament tal-fatturi mertu ta' din il-kawża. Huwa mar jitlob il-ħlas fil-ħanut l-ieħor tal-konvenut The Bread Mill u mhux l-Enoteca Salumeria. Muscat qallu li kien hemm xi problemi fuq dak l-ammont dovut minħabba xi sigarri u kien qallu Mark Borg Hedley kien jaf dwarhom.

Sema' li Paul Scicluna in rappreżentanza tad-**Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** fejn dana xehed illi d-Dipartiment ġie mitlub jivverifika dwar in-numru tal-VAT 18154714 u ġie mitlub biex jara meta rċieva t-talba għad dereġistrazzjoni ta' dan in-numru u meta effetivament ġie deregistered. Mir-riċerka li għamel irriżulta li t-talba għad-dereġistrazzjoni ta' dan in-numru waslet lid-Dipartiment fit-23 t' April 2009 u fil-fatt it-talba ġiet milqugħa b'effett mill-1 ta' Mejju tal-istess sena. Mistoqsi jekk id-Dipartiment ikunx ivverifika jekk il-ħanut effetivament kienx *closed down* kif intqal fl-applikazzjoni tiegħu, xehed illi d-Dipartiment ma jivverifikax dan iżda joqgħod fuq il-kelma li jkun tah ir-registered tax payer.

Ra l-affidavit tal-konvenut **John Muscat** fejn huwa kkonferma li kien il-propjetarju tal-ħanut Enoteca Salumeria f'San Pawl il-Baħar. Dan il-ħanut kien prinċipalment ħanut tax-xorb u salumeria. Huwa kien jixtri xorb mingħand is-soċjeta` attriċi iżda bis-sistema ta' *cash on delivery*. Jekk ma jħallasx għall-prodotti dak il-ħin, ma kinux iħallu l-prodotti fil-ħanut. Fil-ħanut kellu mpjegat, iżda huwa kien imur il-ħanut minn żmien għal żmien. Fis-sajf 2008 huwa ddeċieda li ser jagħlaq il-ħanut, u l-impjegat ma baqax jaħdem miegħu wara Awwissu 2008. Minn hemm 'il quddiem kien ikun hu biss fil-ħanut bil-għan li jbiegħ kemm jista' mill-istock li baqagħlu. Ma jiftakarx id-data eżatta meta għalaq il-ħanut iżda fl-aħħar ta' Marzu 2009, applika biex in-numru tal-VAT relattiv jiġi direġistrat. Qal li waqa s-sajf 2008, ma baqax jixtri iktar prodotti peress li ried jagħlaq il-ħanut.

Jaf li s-salesman Gennaro ġie fil-ħanut l-ieħor tiegħu li jismu The Breadmill, fejn talbu xi flus dovuti fuq il-kont tal-Enoteca Salumeria. Huwa ma kellux dettalji ta' xiex kienu. Jżid li s-salesman tal-Enoteca Mark Borg Hedley, ma talbux flus dovuti lil Paolo Bonnici Limited. Xehed illi l-ebda waħda mill-firem fuq l-invoices ma hija l-firma tiegħu. Il-firma tiegħu hija dik li tidher fuq il-karta tal-identita tiegħu li tagħha esebixxa kopja.

Xehed ukoll *"Għandi ngħid li l-invoices li qed jintalab il-ħlas dwarhom huma ta' Mejju 2009 u għandi ngħid li dak iż-żmien il-ħanut kien ingħalaq, il-VAT number kien tneħħa u għalhekk għandi ngħid li dawk il-prodotti la ordnajthom jien u lanqas ma irċevejthom jien. Għalhekk jiena nħoss li ma għandi nħallas xejn lil Paolo Bonnici Limited."*

**Konsiderazzjonijiet**

Is-soċjeta` attriċi irnexxielha tipprova sodisfaċentement illi l-konsenja tat-tliet fatturi saret lill-konvenut fil-ħanut Enoteca Salumeria. Minkejja li mhux it-tliet fatturi mertu ta' din il-kawża huma ffirmati, hija pproduċiet bħala xhud lid-*deliveryman* li kkonferma li għamel il-konsenja, u x-xhieda tieghu ma ġietx kontestata.

L-argumenti tal-konvenut in sostenn tal-eċċezzjonijiet tiegħu huma tlieta:

1. Il-ħanut kien magħluq fid-dati tal-fatturi – Irriżulta li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud qagħdu fuq il-kelma tiegħu meta ddireġistraw in-numru tal-ħanut u m'għamlu l-ebda verifika min-naħa tagħhom.

2. Il-firma fuq il-fatturi mhix tiegħu – il-firma tal-konvenut fl-atti proċesswali tirriżulta tliet bnadi – fl-applikazzjoni għall-kreditu (fol. 23), fl-applikazzjoni għad-direġistrazzjoni mill-VAT (fol. 34) u fuq il-karta tal-identita tiegħu stess (fol. 40). Dawn it-tliet firem huma diversi u m'għandhomx ebda similarita bejniethom. Għaldaqstant jekk huwa ma jżommx konsistentement ma' firma

waħda, ma jistax jgħid li dik mhux il-firma tiegħu. Oltre l-fatt li jista' jkun li ħaddieħor ikun rċieva x-xogħol għan-nom tiegħu.

3. Jgħid li mas-soċjeta` attriċi kien jimxi biss b'sistema ta' *cash on delivery* u li d-*deliverymen* ma kienux iħallu xogħol fil-ħanut jekk ma jħallasx fil-pront. Iżda dwar il-fattura l-oħra tas-sigarri, wkoll jirriżulta li ma ħallasx fil-pront. Jirriżulta wkoll li huwa talab lis-soċjeta` attriċi għal żmien ta' kreditu u għaldaqstant din l-applikazzjoni xxejjen dan l-argument tiegħu.

Inoltre t-Tribunal ikkunsidra wkoll li l-argument tal-konvenut li ma saritx il-konsenja lilu, l-konvenut qatt ma qalu lil HSBC meta dawn ġrew warajh għall-ħlas. Lanqas ma qalu lis-*salesmen* tas-soċjeta` attriċi, izda huwa dejjem sostna li kien hemm xi problemi bil-fattura l-oħra tas-sigarri. Kien meta ġie nfaċċat bi proċeduri legali li biddel dan l-argument u beda jgħid li ma saritlux il-konsenja.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elf u disgħa u sittin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€1069.75), bl-imgħax legali dekorribbli mit-30 ta' Jannar 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u numerata 222/13, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata, jkunu a karigu tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur